**6 ta' Ottubru 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St. J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Anġlu Aquilina

*versus*

Joseph Bartolo

**Mandat ta' Elevazzjoni — Konsenjatarju — Eżekuzzjoni ta' Sentenza — Subasta — Avviżi — Proċedura — Art. 255, 352, 313, 326 u 327 tal-Proċedura Ċivili.**

*Malli l-kreditur li jottjeni sentenza ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu tiegħu jottjeni l-ħruġ ta' mandat ta' elevazzjoni kontra d-debitur in eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza, u mbgħad jipprosegwi dak il-mandat bil-preżentata ta' rikors għall-bejgħ ġudizzjarju tal-oġġetti maqbudin b'dak il-mandat, huwa jkun beda l-proċedura tal-eżekuzzjoni tas-sentenza; u din l-eżekuzzjoni mibdija fit-terminu, tista' tkompli miexja u tieħu l-effett tagħha, avolja jgħaddu aktar minn tliet snin mid-data tas-sentenza, jekk ma jkunx hemm xi raġuni legali li minħabba fiha dik il-proċedura ma tkunx tista' titkompla. Għaldaqstant, jekk il-konsenjatarju kostitwit bil-mandat jiġi azzjonat biex jippreżenta l-oġġetti fdati lilu biex jiġu mibjugħa fis-subasta, huwa ma jistgħax jeċċepixxi b'suċċess illi hu ma għadux aktar responsabbli għal*

*dawk l-oġġetti għaliex għaddew aktar minn tliet snin mid-data tas-sentenza kontra d-debitur, u li għalhekk it-talba kontra tiegħu hija inammissibbli.*

*Imma jekk il-kreditur iħalli s-subasta wieqfa għal aktar minn sena, l-attijiet kollha tal-irkant isiru nulli. L-inazzjoni tal-kreditur għal dan iż-żmien kollu tirrendi nulli l-attijiet kollha li jkunu saru, kompriż il-mandat ta' elevazzjoni bħala l-ewwel att tal-proċess eżekuttiv. Jekk ma setgħax jinnotifika lid-debitur għax dan kien imsiefer, il-kreditur seta' liberament jitlob in-nomina ta' kuraturi biex jirrappreżentaw lid-debitur fil-proċedura eżekuttiva.*

*Il-fissazzjoni tal-ġurnata għall-bejgħ ġudizzjarju hija parti solenni mill-proċedura; u dik il-ġurnata, avżata lid-debitur u lill-konsenjatarju (jekk ikun hemm), u mgħarrfa lill-publiku per mezz tal-avviżi, ma tistgħax titbiddel fuq semplici mozzjoni privata tal-eżekutant, ad insaputa ta' kulħadd u bla ebda ntervent tal-Qorti. Il-proċedura tad-differimenti tas-subasta b'din il-manjiera hija assolutament irregolari, u ma għandha ebda bażi u validità fil-liġi. Meta s-subasta ma tistgħax issir fil-ġurnata fissata fl-ewwel lok mill-Qorti, id-differiment bil-fissazzjoni ta' ġurnata oħra għandu jiġi wkoll ordnat mill-Qorti, u għandhom jinħarġu avviżi ġodda għar-rigward tal-ġurnata hekk sostitwita.*

*Ladarba jiġu reżi nulli l-attijiet tas-subasta minħabba dan id-dekors ta' żmien, u jsir null ukoll il-mandat ta' elevazzjoni ottenut mill-kreditur, ir-responsabbiltà tal-konsenjatarju kostitwit b'dak il-mandat tispiċċa wkoll, u huwa ma jibqgħax tenut li jippreżenta l-oġġetti elevati bl-istess mandat biex jiġu mibjugħa bl-irkant tal-Qorti.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut ikkostitwixxa ruħu konsenjatarju fil-mandat ta' elevazzjoni maħruġ minn dik il-Qorti fil-15 ta' Lulju 1955 fuq istanza tal-attur kontra David Andrews; u illi l-istess konvenut naqas li jippreżenta lill-marixxall l-oġġetti elevati biex jiġu mibjugħin fil-ġurnata stabbilita, kif jirriżulta mill-atti ta' subasta fl-

ismijiet "Anġlu Aquilina versus David Andrews", li baqgħet "sine die" fiż-17 ta' Marzu 1959, li għalihom l-attur għamel riferenza; talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, (1) il-konvenut jiġi kundannat jippreżenta lill-marixxall, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, l-oġġetti elevati bil-mandat ta' qbid fuq imsemmi, biex jiġu mibjugħin fis-subasta fil-ġurnata, ħin u lok li jiġu stabbiliti mill-Qorti; (2) u in difett tal-konsenja tal-oġġetti elevati, jiġi kundannat iħallsu s-somma ta' £40.6.11 dovuti lill-attur mill-imsemmi David Andrews, kwantu għal £33.12.10 bilanċ mis-sorte u imgħax sal-ġurnata taċ-ċitazzjoni, u kwantu għal £6.14.1 spejjeż ġudizzjarji ġusta taxxa annessa markata "A", in forza ta' sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Ġunju 1955 fil-kawża "Anġlu Aquilina vs. David Andrews", salvi lukri ulterjuri sal-effettiv pagament; (3) u in eżekuzzjoni tad-domanda preċedenti jiġi kundannat għall-arrest personali fit-termini tal-art. 301 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' elevazzjoni tal-15 ta' Lulju 1955, tal-atti sussegwenti tas-subasta, u tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Ottubru 1958, kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha eċċepixxa l-inammissibbilità tad-domandi attriċi, peress li għaddew aktar minn tliet snin mid-data tas-sentenza kontra d-debitur. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-21 ta' April 1960, li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li fuqha kkunsidrat;

Illi jirriżulta li fil-15 ta' Lulju 1955 l-attur ottjena minn din il-Qorti l-ispedizzjoni ta' mandat ta' elevazzjoni kontra David Andrews in eżekuzzjoni ta' sentenza fil-kawża in re "Angelo Aquilina vs. David Andrews", mogħtija mill-istess Qorti fis-16 ta' Ġunju ta' dik is-sena. F'dak il-mandat ikkostitwixxa ruħu bħala konsenjatarju tal-oġġetti li ġew bih elevati l-konvenut. Billi ma tħallasx għall-kreditu tiegħu, l-attur fid-19 ta' Lulju 1956 talab li jiġi ordnat il-bejgħ b'subasta ta' dawk l-oġġetti elevati; liema talba ġiet akkordata b'digriet tat-13 ta' Lulju 1956;

u fis-6 ta' Lulju 1957 huwa talab li l-Qorti tiffissa l-ġurnata, il-ħin u l-lok għall-bejgħ ta' dawk l-oġġetti — talba li ġiet akkordata b'digriet tat-30 ta' Lulju 1957, li bih il-konvenut ġie debitament notifikat fl-ewwel ta' Awissu 1957. Il-ġurnata għal dak il-bejgħ kienet fissata għall-5 ta' Ottubru 1957; imma l-istess bejgħ, għal diversi raġunijiet, ġie differit għal tnax il-darba, ċjoè 5 ta' Novembru u 7 ta' Diċembru 1957, 17 ta' Jannar . . . . . . u 18 ta' Marzu 1959. F'din l-aħħar data l-bejgħ ma setgħax isir, għaliex il-konvenut naqas jippreżenta lill-marixxall l-oġġetti elevati; u l-atti tas-subasta ġew differiti "sine die". L-attur b'din il-kawża qiegħed jitlob li l-konvenut jiġi kundannat jippreżenta lill-marixxall l-oġġetti maqbuda b'dak il-mandat, biex ikunu jistgħu jinbiegħu bis-subasta;

Illi l-konvenut jissottometti illi d-domanda attriċi mhijiex ammissibbli, għar-raġuni li għaddew aktar minn tliet snin mid-data tas-sentenza li in eżekuzzjoni tagħha l-attur ottjena minn din il-Qorti l-mandat ta' elevazzjoni msemmi fiċ-ċitazzjoni, u l-istess sentenza l-lum mhix aktar eżegwibbli minħabba li għaddew aktar minn tliet snin minn meta ġiet profferita;

Illi l-eċċezzjoni tal-konvenut mhix sostenibbli. L-ewwelnett, għalkemm meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni fit-23 ta' Mejju 1959 is-sentenza msemmija kienet ilha li ġiet profferita aktar minn tliet snin, jirriżulta mill-fatti premessi li sa dik id-data l-istess sentenza kienet għall-attur għadha eżegwibbli, billi fit-terminu ta' tliet snin rikjest mil-liġi, ċjoè fil-15 ta' Lulju 1955, huwa ottjena l-mandat ta' elevazzjoni, li kien l-ewwel att tal-proċess eżekuttiv ta' dik is-sentenza, u dak il-mandat ġie segwit bl-imsemmija atti ta' subasta, li sa meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni kienu għadhom ma ġewx reżi nulli. Barra minn dan, ma jidherx li l-konvenut hu ntitolat jopponi l-ammissibbilità tad-domanda attriċi għar-raġuni minnu msemmija; huwa kien ikun intitolat jagħmel din l-oppożizzjoni kieku l-attur ħalla wieqaf il-bejgħ għal iżjed minn sena. Infatti, skond l-art. 301 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-konsenjatarju għall-konservazzjoni tal-oġġetti elevati hu fl-obligu li juża d-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja, u jista' jiġi kostrett li jippreżentahom anki bl-arrest personali, tant biex jitħallas il-

kreditur f'każ ta' vendita, kemm biex jirrestitwihom f'każ ta' revoka tal-mandat;

Kif irriteniet din il-Qorti fil-21 ta' Mejju 1884, fil-kawża in re "Semini vs. Camilleri", Vol. X, 485, dan l-obligu tal-konsenjatarju mhux għal żmien indefinit, imma l-uffiċċju u r-responsabbiltà tal-konsenjatarju għall-oġġetti fdati lilu jispiċċa jekk jiġu reżi nulli l-atti tas-subasta bid-dekors ta' sena; għaliex, sospiża s-subasta b'negliġenza tal-kreditur, issir nulla l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' elevazzjoni preċedenti, li hu l-ewwel att tal-proċess eżekuttiv. Fil-każ taħt konsiderazzjoni ma jirriżultax li l-attur, almenu sa meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, kien ħalla sospiżi għal sena l-atti tas-subasta fuq imsemmija; u għalhekk għadu jista' jintenta din l-azzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut, li biha eċċepixxa (1) illi l-ammont indikat bħala għadu dovut minn David Andrews huwa anqas minn dak indikat mill-attur, (2) u illi d-domanda għall-arrest personali hija nsostenibbli. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tad-19 ta' April 1961, li biha ddeċidiet billi (1) laqgħet l-ewwel domanda, u għall-finijiet tagħha pprefiġġiet lill-konvenut it-terminu ta' erbgħa tijiem; (2) f'każ li konvenut jonqos li jippreżenta lill-marixxall l-oġġetti ndikati fiċ-ċitazzjoni fiż-żmien hekk prefiss, ikkundannat lill-istess konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' £40. 6. 11d indikata fiċ-ċitazzjoni, għar-raġunijiet hemm imsemmija dovuta lill-attur sal-16 ta' Mejju 1959, salvi l-interessi ulterjuri sal-pagament. (3) u rrespinġiet it-tielet domanda; l-ispejjeż tal-kawża relattivi għall-ewwel żewġ domandi jħallashom il-konvenut, dawk relattivi għat-tielet domanda jibqgħu bejn il-kontendenti mingħajr taxxa. Wara li kkunsidrat;

Illi kif ġa ngħad fid-deċiżjoni tal-21 ta' April 1960, il-konvenut ikkostitwixxa ruħu konsenjatarju fil-1955 ad istanza tal-attur kontra David Andrews, imma l-bejgħ tal-oġġetti elevati b'dak il-mandat ma setgħax isir, għaliex il-konvenut naqas li jippreżenta dawk l-oġġetti lill-marix-xall. Dan jinsab rikonoxxut mill-konvenut, li xehed li l-

istess oġġetti ma jafx fejn jinsabu, u li hu kien ħallihom f'idejn David Andrews, id-debitur tal-attur. Kontra d-domanda avanzata mill-attur fiċ-ċitazzjoni, il-konvenut jallega li l-ammont indikat mill-attur bħala li għadu dovut lilu minn David Andrews huwa anqas minn dak indikat fiċ-ċitazzjoni, u li l-attur ma jistgħax jitlob kontra tiegħu l-kundanna għall-arrest personali darba li qiegħed jitlob il-pagament tal-bilanċ tal-kreditu dovut lilu;

Illi, rigward l-ewwel eċċezzjoni, il-konvenut eżibixxa it-tra tad-debitur David Andrews fejn dan jallega li hu baqgħalu jagħti lill-attur somma anqas minn dik indikata mill-attur. Mix-xhieda tal-Avukat Dr. Emmanuele Bonnici din l-allegazzjoni ma tidherx sostnuta;

Illi, rigward l-eċċezzjoni l-oħra, il-konvenut, bħala konsenjatarju, kien skond il-liġi obligat li juża, għall-konservazzjoni tal-oġġetti elevati, id-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja; u meta naqas li jippreżenta dawk l-oġġetti lill-marixxall, biex bil-bejgħ tagħhom jiġi soddisfatt l-attur, hu rrenda ruħu responsabbli tal-konsegwenzi; liema konsegwenzi, skond in-norma ġenerali tal-inadempiment tal-obligazzjonijiet, jirriżolvu ruħhom fir-riżarċiment tad-danni, sakemm il-kreditur ma jinsistix biex il-konsenjatarju jiġi kostrett li jeżibixxi l-oġġetti — dak li l-liġi tippermetti anki permezz tal-arrest personali. L-attur qiegħed jitlob li l-konvenut jiġi kundannat jippreżenta lill-marixxall l-imsemmija oġġetti biex jiġu mibjugħa fis-subasta, u in difett iħallsu, naturalment in linea ta' danni, is-somma ndikata fiċ-ċitazzjoni; kif ukoll li, in eżekuzzjoni ta' dawn id-domandi, jiġi kundannat għall-arrest personali. Fil-każ in ispeċje, hu evidenti, in segwitu għax-xhieda tal-konvenut, li dan mhuwiex f'pożizzjoni li jippreżenta lill-marixxall l-imsemmija oġġetti; kwindi jibqa', skond it-tieni domanda tal-attur, li l-konvenut iħallsu s-somma msemmija;

In linea ta' massima, il-konsenjatarju ġudizzjali li jonqas li jeżibixxi għall-bejgħ l-oġġetti lilu fdati in kustodja għandu jirrileva lill-kreditur, mill-kreditu ntier tiegħu; però hu magħruf illi r-responsabbiltà tal-konsenjatarju hija biss għall-ammont tal-valur tal-oġġetti li jiġu lilu konsenjati u mhux għall-kreditu kollu li in kawtela tiegħu tiġi spedita

l-elevazzjoni. F'dan ir-rigward, fil-każ taħt konsiderazzjoni ma hemm ebda diffikultà, għaliex, kif ġie verbalizzat fis-seduta tal-ewwel ta' Frar 1961, il-konvenut ma jikkontestax il-fatt li l-valur tal-oġġetti elevati ma kienx anqas mill-bilanċ li l-attur għandu jieħu minn għand David Andrews, ċjoè mis-somma ndikata fiċ-ċitazzjoni. Kwindi s-somma li għaliha l-konvenut hu responsabbli versu l-attur in linea ta' danni hija dik indikata fiċ-ċitazzjoni; salvi l-interessi ulterjuri sal-pagament effettiv;

Illi l-attur qiegħed jitlob li in eżekuzzjoni tad-domandi minnu avanzati, ċjoè tal-kundanna tal-konvenut għall-konsenja tal-oġġetti u tal-pagament tas-somma ġa msemmija, l-istess konvenut jiġi kundannat għall-arrest personali. Din id-domanda mhix sostenibbli. L-ewwelnett, il-kundanna tal-konsenjatarju għall-arrest personali in difett tal-eżibizzjoni tal-oġġetti hija fil-fakoltà tal-Qorti; u meta ma jiġix konstatat xi dolo da parti tiegħu, din il-kundanna ma għandhiex tiġi akkordata qabel ma l-kreditur ikun eżawrixxa inutilment il-mezzi legali kollha biex jiġi ndenizzat fuq il-beni tal-konsenjatarju (Vol. VII, 209); u f'dan il-każ ma ġiex pruvat li l-konvenut uża xi dolo meta ma żammx f'idejh l-oġġetti elevati, u lanqas li l-attur esperixxa xi mezzi għall-imsemmija ndennità. Mbgħad, bil-fatt tiegħu stess, meta talab li f'każ li l-konvenut ma jippreżentax l-oġġetti elevati l-konvenut jiġi kundannat iħallsu l-ammont li għad baqgħalu jieħu, l-attur jiġi li għażel li jipproċedi kontra l-konvenut għar-riżarċiment tad-danni li għalihom il-konvenut, kif intqal fuq, irrenda ruħu debitur bis-sempliċi inadempiment tal-konsenja ta' dawk l-oġġetti. Darba li l-attur għażel ukoll li jitlob il-kundanna tal-konvenut għall-pagament tal-bilanċ tal-kreditu tiegħu, il-konvenut ma jistgħax jiġi assoġġettat għall-arrest personali; għaliex il-konsenjatarju jista' jiġi assoġġettat għal dan l-arrest għall-eżibizzjoni tal-oġġetti fdati għall-kustodja tiegħu, imma mhux għall-pagament tal-valur tagħhom, għal liema pagament il-liġi espressament tikkontempla l-azzjoni ta' danni u nteressi (Vol. XXI-II-170);

Rat in-nota li biha l-konvenut appella mill-imsemmija żewġ sentenzi, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li s-sentenza tal-21 ta' April 1960 tiġi revokata, u dik tad-19 ta' April

1961 tiġi riformata billi tiġi konfermata fejn ċaħdet it-it-tielet talba tal-attur u waħħlitu parti mill-ispejjeż fuq l-istess talba, u tiġi *revokata fejn laqgħet l-ewwel u t-tieni* talba u waħħlet lill-konvenut l-ispejjeż fuq dawk iż-żewġ talbiet u parti mill-ispejjeż fuq it-tielet talba, billi b'dan il-mod it-talbiet kollha tal-attur jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Dwar l-ewwel sentenza;

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Onorabbli Qorti in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut appellant "kif formulata fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu fol. 9". L-eżekuzzjoni tas-sentenza tas-16 ta' Ġunju 1955 kontra d-debitur Andrews bdiet anqas minn xahar wara, bil-mandat ta' qbid maħruġ fuq talba tal-attur fil-15 ta' Lulju 1955, u tkompliet bl-atti tas-subasta mibdijin bl-ewwel rikors tal-attur tad-9 ta' Lulju 1956, u prosegwita bit-tieni rikors tas-6 ta' Lulju 1957. Bl-ewwel domanda *fiċ-ċitazzjoni preżenti l-attur mhux* qed jitlob ħlief li l-konvenut jiġi kundannat jippreżenta l-oġġetti elevati biex dik l-eżekuzzjoni, ġa mibdija fit-terminu, tista' tkompli miexja u tieħu l-effett tagħha (assumendo li dan legalment għad jista' jsir, kif sejjer jiġi kunsidrat hawn taħt); u għalhekk id-dispożizzjoni tal-art. 255 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (Kap. 15) mhix applikabbli għall-każ;

Iżda l-appellant spjega l-eċċezzjoni tiegħu anki b'mod ieħor. Huwa nvoka *kontra t-talba tal-attur l-art. 352(1)* tal-Kodiċi fuq imsemmi, li jgħid illi "jekk il-kreditur iħalli wieqaf l-irkant għal iżjed minn sena, l-attijiet kollha tal-rkant isiru nulli". Fil-petizzjoni l-appellant issottometta illi meta ngħatat is-sentenza appellata, is-subasta kienet ilha wieqfa, "sine die", aktar minn sena;

Waqt it-trattazzjoni tal-appell l-appellant mar oltre, u spjega li l-eċċezzjoni tiegħu hi bażata anki fuq il-fatt illi "anki qabel iċ-ċitazzjoni" s-subasta kienet inżammet wieq-

fa għal aktar minn sena, u kwindi l-atti kollha, kompriż fihom il-mandat ta' qbid, saru nulli, u l-appellant kwindi ma setgħax jiġi kundannat biex jippreżenta l-oġġetti elevati ħalli jinbiegħu, ġa ladarba il-bejgħ bis-subasta ma setgħax aktar legalment isir fuq dawk l-atti;

Fil-fehma tal-Qorti, hu spedjenti li jiġi eżaminat fl-ewwel lok dan it-tieni aspett tal-eċċezzjoni tal-konvenut imsemmija fil-paragrafu immedjatament preċedenti; għax jekk dan hu fondat, ma jkunx hemm bżonn li jiġi eżaminat l-aspett l-ieħor;

Fis-sentenza appellata ġie ritenut illi ma jirriżultax li l-attur almenu sa meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, kien ħalla sospiżi għal sena l-atti tas-subasta. Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma taqbelx ma' din il-konklużjoni. Huwa neċessarju li jiġu dettaljati biċ-ċar id-diversi proċeduri li saru sakemm l-atti tas-subasta waqfu fit-18 ta' Marzu 1959, meta l-marixxall irriferixxa li l-ġġetti elevati ma ġewx miġjuba (riferta fol. 7);

L-attur ippreżenta l-ewwel rikors tiegħu fid-9 ta' Lulju 1956 u talab li jiġi ordnat il-bejgħ b'subasta tal-oġġetti elevati. Dan ir-rikors ġie akkordat fit-13 ta' Lulju 1956. It-tieni rikors ġie preżentat fis-6 ta' Lulju 1957, u fuqu l-Qorti ordnat li l-bejgħ isir fil-5 ta' Ottubru 1957. Dan id-digriet ġie notifikat lill-appellant bħala l-konsenjatarju tal-oġġetti li kellhom jinbiegħu, u fuqu ħarġu l-avviżi preskritti mil-liġi (art. 313). Skond id-digriet tal-Qorti, u anki skond il-liġi (art. 315(1) ), bl-avviż kellu jiġi notifikat id-debitur; iżda mir-riferita tal-marixxall (fol. 77 Volum tas-subasti) data 17 ta' Settembru 1957, jidher li d-debitur ma setgħax jiġi notifikat għax kien imsiefer, u b'dan ġie mgħarraf l-avukat tal-attur;

Għaddew sena u sebgħa xhur bla ma sarx xejn (almenu xejn regolari u skond il-liġi) biex is-subasta tista' titkompla, sakemm fil-11 ta' Frar 1959 l-attur ippreżenta rikors biex jitlob lil jiġu nominati kuraturi biex jirrappreżentaw lid-debitur;

Intant, il-jum fissat mill-Qorti, u debitament publiċiz-

zat, ċjoè l-5 ta' Ottubru 1957, għadda bla ma sar xejn, u sal-ġurnata stess tal-lum ebda talba jew proċedura oħra legali f'dawk l-atti tas-subasta ma saret tempestivament u fit-terminu ta' sena mill-attur sabiex is-subasta setgħet issir jew tkun regolarment sospiża;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa assolutament ċar illi, apparti kull ħaġa oħra l-inazzjoni tal-attur għal żbatax il-xahar li jipprokura n-nomina ta' kuraturi biex jirrappreżentaw lid-debitur biex is-subasta setgħet timxi hija biżżejjed biex tirrendi nulli skond l-imsemmi art. 352(1) l-atti kollha li kienu saru. Xejn ma kien hemm li jimpedieh li jagħmel mill-ewwel il-proċedura meħtieġa, kif għamilha żbatax il-xahar wara. Xejn ma kien hemm indipendenti mill-volontà tal-attur illi l-proċeduri tas-subasta jkomplihom. Anqas biss bħala fatt ma hu veru dak li jingħad fin-nota fol. 12, illi d-data fissata għall-bejgħ mill-Qorti (5. 10. '57) ġiet differita diversi drabi fuq talba (tal-attur) billi dan beda jirċievi x akkonti minn għand id-debitur. Infatti, mill-prospett stess tal-attur fol. 6 jirriżulta illi l-aħħar akkont tħallas mill konvenut fid-9 ta' Frar 1957, ċjoè xi ħames xhur qabel ma l-attur ippreżenta r-rikors tiegħu biex il-Qorti tiffissa l-ġurnata tal-bejgħ. Imma anki kieku kien veru illi l-attur ma għamel xejn biex ikompli s-subasta għax spera li bil-mod il-mod jitħallas mid-debitur, dan ma kien jiswielu xejn; almenu miż-17 ta' Settembru 1957 id-debitur kien imsiefer, u ma hemm assolutament ebda prova, anqas biss allegazzjoni, da parti tal-attur, illi minn dik id-data s-subasta nżammet wieqfa bil-kunsens tad-debitur;

Apparentement, l-attur ħaseb illi seta' jirrimedja kollox billi sakemm għoġbu, żbatax il-xahar wara, jitlob in-nomina ta' kuraturi u (anki wara din in-nomina) iħalli s-subasta tiġi differita, bla ebda riferenza għall-Qorti jew proċedura oħra legali. Ta' dawn id-differimenti l-Qorti ma qegħdha u ma tistgħax tagħti ebda każ. Huwa mod assolutament irregolari, li ma għandu ebda bażi jew validità fil-liġi. Il-fissazzjoni tal-ġurnata għall-bejgħ hija parti solenni mill-proċedura. Il-ġurnata avżata lid-debitur u lill-konsenjatarju (jekk ikun hemm), u mgħarrfa lill-publiku per mezz tal-avviżi ma tistgħax titbiddel fuq sempliċi mozzjoni privata tal-eżekutant ad insaputa ta' kulħadd u bla ebda

nterveent tal-Qorti. Kieku dan kien permess, is-solennitajiet li l-liġi tippreskrivi għall-ewwel fissazzjoni jiġu għal kollox stultifikati. Del resto, jidher ċar mill-art. 326 u 327 tal-Kodiċi fuq ċitat illi, meta s-subasta ma tistgħax issir filġurnata fissata fl-ewwel lok mill-Qorti, id-differiment bil-fissazzjoni ta' ġurnata oħra jiġi wkoll ordnat mill-Qorti, u għar-rigward tal-ġurnata hekk sostitwita jerġgħu jiġu pubblikati l-avviżi; inkella l-liġi ma jkolliex sens. Meta minħabba nuqqas ta' xi notifika s-subasta ma tkunx tista' ssir, ir-Reġistratur għandu jirrikorri lill-Qorti għad-direttivi tagħha;

L-attur qatt ma talab biex il-Qorti tordna s-sospensjoni tas-subasta, u kien hu li ħaseb li "marte proprio" seta' jżommha sospiża għal żbatax il-xahar, sakemm talab innomina ta' kuraturi. Is-suppost differiment "sine die" kien ukoll wieħed minn dawk li l-attur deherlu li seta' jagħmel hu flimkien mal-iskrivan tas-subasta mingħajr riferenza lill-Qorti;

Issa, fis-sentenza appellata hu rikonoxxut illi l-uffiċċju u r-responsabbiltà tal-konsenjatarju għall-oġġetti fdati lilu jispiċċa jekk jiġu reżi nulli l-atti tas-subasta bid-dekors ta' sena; għaliex, sospiża s-subasta b'negliġenza tal-kreditur, issir nulla l-eżekuzzjoni tal-mandat tal-elevazzjoni preċedenti, li hu l-ewwel att tal-proċess eżekuttiv. Dan il-prinċipju din il-Qorti taqbel miegħu, u hu konformi għall-ġurisprudenza (ara Kollez. Vol. III, p. 326);

Dwar it-tieni sentenza;

Ġa ladarba l-atti tas-subasta, inkluż il-mandat ta' qbid li fuqhom huma bażati l-ewwel żewġ talbiet tal-attur, huma nulli, dawk it-talbiet ma setgħux jiġu akkolti (sentenza ċitata Vol. X, p. 326);

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-konvenut, u fis-sens fuq imsemmi tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-21 ta' April 1960, bl-ispejjeż kontra l-attur, u tirriforma s-sentenza appellata l-oħra tad-19 ta' April 1961 fis-sens li tikkonfermaha in kwantu ċaħdet it-tielet talba tal-attur u waħħlitu parti mill-ispejje-

fuq l-istess talba, u tirrevokaha fejn laqgħet l-ewwel żewġ talbiet tal-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut fuq dawk it-talbiet u parti mill-ispejjeż fuq it-tielet talba, u minflok tiċħad dawk it-talbiet, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur.